KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 – Il-ĦAMIS 12 TA' NOVEMBRU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

26.1.1 Ma kienx hemm.

**26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

26.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (25) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

26.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

**26.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL**

26.3.1 Ma kienx hemm.

**26.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

26.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li ġie implimentat l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Stefano Erardi p/o, Triq Lewis F. Mizzi p/o, Triq Erin Serracino Inglott p/o, bl-approvazzjoni tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Dan it-titjib qed isir wara li saret konsultazzjoni pubblika biex it-toroq ikunu aktar siguri u aktar aċċessibbli.

26.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li nġieb il-permess biex jiżdiedu t-tappieri fi Triq Ġeronimo Abos, il-kuntrattur innota li fejn ġew allokati t-tappieri, jirriżulta li hemm infrastruttura oħra *underground* u t-tappieri ma setgħux isiru għaldaqstant ser jintużaw biss dawk eżistenti. L-istallazzjoni tad-disinni tal-Milied se jiġu allokati f'post ieħor adattat u dan skont l-infrastruttura eżistenti.

26.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li sejjaħ laqgħa ma' Regional Enforcement Officer il-ġdid mill-Aġenzija LESA biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-Kunsill u l-Aġenzija u biex jiddiskuti miegħu *issues* kurrenti fil-lokalità.

26.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Partit Laburista fl-okkażjoni tal-100 sena mill-fondazzjoni tal-Partit għamlu talba lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex iħawwlu siġra taċ-ċipress fil-lokalità. Informa li kienu ngħataw tliet opzjonijiet fosthom il-ġnien tal-Pjazza, *soft landscaping* ta' quddiem il-ġnien, u fejn hemm *soft landscaping* fi Triq Dr. Pawlu Grech. Is-Sindku qal li saret spezzjoni fuq kull sit fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

Peró l-organizzatur li qed jieħu ħsieb il-loġistika għamel proposta sabiex it-tħawwil tas-siġra jsir fejn hemm *soft landscaping* fi Triq Ġeronimo Abos biswit il-*pedestrian crossing*.

Dwar din l-aħħar proposta, is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-Kunsill għandu l-ħsieb li l-Kunsill jutilizza dan l-ispazju suġġett għall-parir tekniku mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill biex jaċċerta ruħu li t-tħawwil ta' siġra ma tkunx ta' periklu għall-immaniġġjar tat-traffiku minħabba l-viżibilità, u t-tieni punt ma xtaqx li jsiru monumenti partiġġjani. L-ewwel priorità għandha tingħata lill-Kunsill bħala l-gvern lokali tal-lokalità u bħala Kunsill magħqud, ma xtaqx li jmur għall-vot.

Wara diskussjoni, kien deċiż li l-Kunsillier Bernice Farrugia kellha titkellem mal-organizzatur tal-Partit biex jinstab post alternattiv u tieħu ħsieb tinforma lill-Kunsill bl-identifikazzjoni tal-post.

26.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-President's Fun Walk 2020. Is-Sindku għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara li hu ma kienx jaqbel li l-Kunsill ikun parteċipi minħabba l-pandemija u minflok ippropona li l-Kunsill jgħin mod ieħor billi jsib (100) parteċipant mil-lokalità u jikkontribwixxu xorta waħda finanzjarjament biex l-iskop jintlaħaq xorta waħda u b'hekk il-Kunsill Lokali L-Iklin ikun għen b'dan il-mod lill-Malta Community Chest Fund. Kien deċiż li s-Sindku u l-*Minority Leader* Bernice Farrugia jkunu l-kolletturi għal din il-kawża ġusta.

26.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li saret spezzjoni mill-Kuntrattur tal-Kunsill fi Triq San Mikiel biex nibdew ix-xogħlijiet, kien innutat li minħabba d-difetti (crockodile cracks) li hemm fil-karreġġjata, talab l-intervent tal-Perit tal-Kunsill biex jerġa jispezzjona. Żied jgħid li dan kien konfermat mill-Perit u intalab biex isir reviżjoni tal-*Bill of Quantities*. Informa wkoll li l-varjazzjoni hija waħda sinjifikanti u l-ispiża titla għal *circa* Eur70k. Rigward l-ispiża, is-Sindku fakkar li l-Kunsill ottjena fondi mill-Kunsill Reġjonali bl-ammont ta' Eur34k għal dan il-proġett filwaqt li l-bilanċ pendenti se jkun qed jagħmel tajjeb mill-fondi tal-Kunsill. *Nem con*. Is-Sindku ikkonkluda li kien ser itella din l-ispiża għall-kunsiderazzjoni u l-awtorizazzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss tal-Kunsill. Fil-frattemp kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipproċedi biex jinġieb il-permess minn TM biex jibdew ix-xogħlijiet. *Nem con*.

26.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li kienu kellmuh numru ta' resident li fil-parti ta' fuq tal-Iklin qed jilmentaw minn irwejjaħ mhux pjaċevoli ta' qatran li ġej minn xi impjant fiż-żona ta' barra mill-iżvilupp. Kompla billi qal li l-Uffiċċju irraporta dan l-ilment lill-Awtorità ERA u lid-Dipartiment tas-Sanità biex

jinvestigaw u jagħtu feedback lill-Kunsill biex jieħu l-miżuri li jidhirlu xierqa.

Ikkonkluda li kien ser ikompli jsegwi mill-qrib dan il-każ u se jżomm lill-Kunsillieri aġġornati b'kull żvilupp biex jittieħdu l-passi u l-azzjonijiet neċessarji fil-mument opportun.

## 26.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

26.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa jekk hemmx stabbilit timeframe dwar meta ser titlesta Triq il-Wied.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ilu li talab *modus operandi* xhur ilu però għal xi raġuni baqa' ma ngħatax programm tax-xogħol u ż-żmien biex jitlesta l-proġett. Fuq nota pożittiva, informa li l-proposta tal-Kunsill li jiġu mplimentati l-*pedestrian lights* ġiet milqugħa minn Infrastructure Malta.

## 26.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

26.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-15 ta' Ottubru u l-11 ta' Novembru 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

26.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1955/20. Korrispondenza mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar suġġett li jitratta dwar il-kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li fil-każ tal-lokal tagħna ma tapplikax fil-każ tagħna għax ma jpoġġix ħamiem selvaġġ.

26.6.3 Il- Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2082/20. Attività ta' kostruzzjoni fiż-żona ta' barra mill-iżvilupp.

Il-Kunsill talab lill-Awtorità tal-Ippjanar (Compliance & Enforcement Unit) biex jispezzjonaw jekk hux għaddej xi żvilupp b'mod illeċitu.

**COMPLAINTS SHEET ( 15 Oct - 11 Nov)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 261 | 15/10/2020 | Ilment dwar siġar li ffullaw fi Triq Dun Karm, quddiem tal-lottu. | settled | Triq Dun Karm | **ELC Ltd** |
| 262 | 15/10/2020 | Ħaxix mal-għalqa ta' Triq Pawlu Grech | settled | Triq Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 263 | 16/10/2020 | 2 bozoz iteptpu fi Triq Giorgio Locano | settled | Triq Giorgio Locano | **ENEMALTA** |
| 264 | 16/10/2020 | Talba biex jinżabru s-siġar taż-żebbuġ ta' Triq Mons P.P. Saydon. | settled | Triq Mons P.P. Saydon | **ELC Ltd** |
| 265 | 17/10/2020 | Leakage ta' ilma f'nofs ta' Triq Ġużé Pesci no.23 | pending | 23, Triq Guze' Pesci | **WSC** |
| 266 | 19/10/2020 | Hemm karozza abbandunata fl-egħlieqi ta' Triq PM Vella | pending | Triq P.M. Vella | **POLICE** |
| 267 | 19/10/2020 | Hemm tappiera tal-ħadid tħabbat fi Triq Ġużé Galea c/w Triq G. Abos | pending | Triq Guze' Galea | **GO** |
| 268 | 20/10/2020 | Hemm caravan ilu iktar minn ġimgħa fil-pjazza ta' quddiem Portughes Laundry fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **POLICE** |
| 269 | 20/10/2020 | Hemm 3 bozoz fuq arbli maqtugħin fi Triq in-Naxxar. | settled | Triq in-Naxxar | **ENEMALTA** |
| 270 | 21/10/2020 | Hemm siġra kbira fi Sqaq Giarda li nqabdet parti minnha bin-nar u hemm il-biża li taqa'. | closed | Sqaq Giarda | **COUNCIL** |
| 271 | 26/10/2020 | Hemm leakage ta' drenaġġ fi Triq Ġużè Pesci. | pending | Triq Guze' Pesci | **W.S.C** |
| 272 | 26/10/2020 | Hemm ħaxix ħażin fit-Telgħa tal-Għaqba. | pending | Triq l-Ghaqba | **COUNCIL** |
| 273 | 29/10/2020 | Hemm bozza tixgħel u titfi fuq arblu fi Triq Ġużè Bonnici. | settled | Triq Guze' Bonnici | **ENEMALTA** |
| 274 | 29/10/2020 | Ilment dwar vetturi kbar, cherry pickers u trailer li qed ikunu pparkjati fil-pjazza ta' kuljum. Titlob lill-Kunsill jieħu azzjoni. | closed | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 275 | 30/10/2020 | Talba biex tinqala' jew tiġi 'shifted' lanterna minn ma' faccata ta' dar fi Triq AM Galea għax ser titwaqqa' d-dar. | closed | Triq AM Galea | **CONTRACTOR** |
| 276 | 30/10/2020 | Ilment li meta tagħmel ix-xita, l-ilma jaqleb lejn, 80 Triq K Vassallo u l-katusa ma tlaħħaqx | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 277 | 30/10/2020 | Ilment dwar unloading permits fi Triq G.Abos u nuqqas ta parkeġġ. | pending | 16,Triq G.Abos | **COUNCIL** |
| 278 | 03/11/2020 | Ilment dwar it-traffiku u l-inkonvenjenzi li qed ikun hemm fi Triq il-Wied u t-toroq tal-madwar. Il-Kunsill għandu jagħmel xi ħaġa fuq l-arranġamenti tat-traffiku u jħalli biss lir-residenti jgħaddu minn hemm. | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 279 | 04/11/2020 | Ilment li d-dawl ta' Triq AM Galea m'hux jixgħel. | settled | Triq AM Galea | **ENEMALTA** |
| 280 | 04/11/2020 | Resident qed tirraporta li fl-Iklin hawn l-Asian Hornets. Dawn joqtlu n-naħal. Din tixtieq li l-Kunsill jagħmel 'awareness' ta' dawn u dan lill-entità konċernata. | pending | Iklin | **COUNCIL** |
| 281 | 05/11/2020 | Talba biex jinbidel l-isem ta' 'TRIQ IŻ-ŻEBBUĠA' għax bix-xemx iċċarat ħafna. | settled | Triq iz-Zebbuga | **COUNCIL** |
| 282 | 05/11/2020 | Ilment dwar trailer kbir u karozza bil-ħġieġa mkissra fi Pjazza Ninu Cremona. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |
| 283 | 05/11/2020 | Ilment dwar vettura bla liċenza fi Pjazza Lewis J.B. Scicluna. | pending | Pjazza Lewis J.B. Scicluna | **POLICE** |
| 284 | 06/11/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq l-ewwel arblu faċċata tal-knisja fi Pjazza Ninu Cremona. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **CONTRACTOR** |
| 285 | 06/11/2020 | Resident minn Triq Ġużeppi Calleja qed jilmenta li mhux qed ikun jista jidħol u joħroġ mill-garaxx sew għax qed jipparkjawlu eżatt mad-daħla. | closed | Triq Ġużeppi Calleja | **POLICE** |
| 286 | 06/11/2020 | Din ir-residenta qed terġa tilmenta li xi vettura goffa telgħet fuq il-bankina ta' quddiemha fi Triq Karmenu Vassallo u kisser bankina. Hemm bżonn li tinqala' u terġa ssir għax saritilha wkoll ħsarat fl-inspection chamber. | pending | 34, Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 287 | 06/11/2020 | {2} bozoz central hanging, fi Triq E S Inglott mitfija. | pending | 21, Triq E S Inglott | **CONTRACTOR** |
| 288 | 09/11/2020 | Hemm bankina niżlet fi Triq Ġużè Bonnici. | settled | Triq Ġużè Bonnici | **COUNCIL** |
| 289 | 09/11/2020 | Ilment li ta' spiss, ir-rubbish speċjalment l-*organic bag* mhux qed tinġabarlu minn Triq il-Prinjol. | settled | Triq il-Prinjol | **CONTRACTOR** |
| 290 | 10/11/2020 | Talba biex isir road patching fi Triq il-Bruka għax hemm ħafna *pot holes*. | pending | Triq il-Bruka | **COUNCIL** |
| 291 | 11/11/2020 | Din ir-residenta qed tilmenta fuq il-PA system li għandhom il-middle school tan-Naxxar. Dan jinstema ħafna kemm meta jdoqqu l-mużika u kemm meta jsejħu lill-istudenti. Qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti. | pending | Triq Enrico Naudi | **COUNCIL** |
| 292 | 11/11/2020 | Dan ir-resident qed jilmenta li minn mindu nqalgħet il-bozza minn ma blokka li waqgħet fi Triq AM Galea, qed ikun hemm ħafna dlam. Qed jitlob biex din tiġi rilokata. | pending | Triq AM Galea | **COUNCIL** |
| 293 | 11/11/2020 | Resident qed jilmenta li l-ħaddiema tal-JB Stores jieħdu l-break quddiem id-dar tiegħu u qed iħallu mandra kemm bil-loqom tas-sigaretti u kemm bil-karti. | closed | Triq il-Klin | **COUNCIL** |

## 26.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

26.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

26.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

26.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq xi kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni tax-xiri ta' oġġetti u servizzi.

1. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (600) Anti-Covid Packs mingħand il-fornitur SV Beauty Ltd għall-prezz ta' Eur5,097.60c VAT inkluż;
2. Kwotazzjoni għas-servizz ta' fumigazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur SAC Ltd għall-prezz ta' Eur95.58c VAT inkluż;
3. Kwotazzjoni għax-xiri ta' laptop hp probook għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur PC Wise Malta għall-prezz ta' Eur1,149.00c VAT inkluż;
4. Kwotazzjoni ghall-kiri ta' tizjin tal-Milied mingħand il-fornitur Caruana Light Décor għall-prezz ta' Eur2,950.00 VAT inkluż;

## 26 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

26.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

26.8.2 Applikazzjoni PA 06636/20 – 43, 'Żernieq', Triq Ġużè Muscat Azzopardi – 'Alterations to first and second floors, additions at third floor and addition of receeded floor'

26.8.3 Applikazzjoni PA 07031/20 – Triq Ħal Għargħur c/w Sqaq Garda 'Proposed demolition and reconstruction of 2 already approved residential dwellings, proposed pools and ancillary facilities and proposed landscaping.

## 26.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT APR-ĠUN 2020

26.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju għall-perjodu ta' bejn April u Ġunju.

26.9.2 Ġie moqri r-rapport finanzjarju b'mod iddettaljat li kien jinkludi *Statement of Income and Expenditure*, *Statement of Financial Position*, *Cash Flow Statement*, *Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant & Equipment*.

26.9.3 Il-financial performance għall-ewwel sitt xhur tas-sena, il-Kunsill kellu *surplus* ta' Eur22,315.

26.9.4 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

26.9.5 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova r-Rapport Finanzjarju għall-perjodu ta' bejn Jannar u Ġunju.

26.9.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 26.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT LUL-SETT 2020

26.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju għall-perjodu ta' bejn April u Ġunju.

26.10.2 Ġie moqri r-rapport finanzjarju b'mod iddettaljat li kien jinkludi *Statement of Income and Expenditure*, *Statement of Financial Position*, *Cash Flow Statement*, *Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant & Equipment*.

26.10.3 Il-*financial performance* għall-ewwel disa xhur tas-sena, il-Kunsill kellu *surplus* ta' Eur21,631.00c.

26.10.4 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

26.10.5 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova r-Rapport Finanzjarju għall-perjodu ta' bejn Jannar u Settembru.

26.10.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. F)**

## 2 6.11 KUNSILL REĠJONALI ĊENTRU – SKEMA FINANZJARJA NRU. 7/2020

26.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Ċentru nieda skema għall-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt il-Kunsill Reġjonali Ċentru fejn il-Kunsilli jistgħu jieħdu rimborż ta' Eur5k wara li jissottomettu d-dokumentazzjoni neċessarja.

26.11.2 Is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill, wara li jinġiebu l-kwotazzjonijiet, issir distribuzzjoni ta' *Anti-Covid Packs* lil dawk il-persuni li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali L-Iklin u li għandhom 65 sena 'l fuq bħala għajnuna matul din il-pandemija.

26.11.3 Wara diskussjoni, ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema speċifikata sabiex jagħmel użu mill-fondi allokati taħt din l-iskema.

26.11.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 26.12 KUNSIDERAZZJONI U IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

26.12.1 Il-Kunsillier Godwin Catania fetaħ diskussjoni dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jikkunsidra l-bżonn li jidentifika post/postijiet fiż-żoni residenzjali biex tkun allokata Communal 'Reserved Parking bay' għal Persuni bi bżonnijiet speċjali li tkun *on a first come, first served basis.*

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-applikant/i għandhom iressqu l-każ mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u jsegwu l-proċedura. Fil-proċess, il-Kunsill jevalwa t-talba jew talbiet li jista jkollu minn żmien għal żmien u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità skont il-każ.

26.12.2 Is-Sindku Dott. Sciberras reġa tella għad-diskussjoni l-korrispondenza dwar sid ta' negozju ġdid fi Triq Ġeronimo Abos fl-Iklin fejn qed jitlob un/loading bay.

Fakkar li l-Kunsill kien għamel eżerċizzju biex jara l-attività ekonomika f'żona residenzjali għalkemm ġie nnutat li qed jikkropjaw ħwienet tan-negozju fl-imsemmija triq.

Saru interventi mill-Kunsillieri preżenti fejn urew il-konċernament tagħhom dwar l-abbuż li qed isir fuq *un/loading bays* eżistenti madwar l-Iklin fejn l-infurzar mhuwiex konsistenti u l-imsemmija un/loading bays mhux qed jaqdu l-iskop proprju tagħhom.

Wara diskussjoni wiesgħa, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Godwin Catania dwar jekk il-Kunsill għandux jagħmel ir-rakkomadazzjoni tiegħu lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tikkunsidra u tapprova jew le *un/loading bay*.

Il-Kunsill ivvota unanimament kontra li ssir ir-rakkomandazzjoni lill-Awtorità biex tiġi allokata *un/loading bay* proprju minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq.

**26.13 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

26.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru 2020 fil-5.30 pm.

26.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru 2020 fil-5.30 pm.

26.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |